



KUNSILL EWROPEW

MT

Brussell, 16 ta' Settembru 2010  
(OR. en)  
EUCO 22/10  
PRESSE 243

## **Lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill: inkorporazzjoni ta' spazju politika u sport**

Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jimmodifika l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill biex tkun tirrifletti l-bidliet li t-Trattat ta' Lisbona ġab fit-Trattati preċedenti, bil-ħsieb li l-politika spazjali tīgħi inkorporata fil-konfigurazzjoni "Kompetittività (suq intern, industrija u riċerka)" u l-politika dwar l-isport fil-konfigurazzjoni "Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura".

B'hekk, mil-lum 'il quddiem l-ismijiet tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill ser ikunu dawn li ġejjin:

1. Affarijiet ġenerali.
2. Affarijiet barranin.
3. Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji<sup>1</sup>.
4. Ġustizzja u affarijiet interni<sup>2</sup>.
5. Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur.
6. Kompetittività (suq intern, industrija, riċerka u spazju)<sup>3</sup>.
7. Trasport, telekomunikazzjoni u enerġija.
8. Agrikoltura u Sajd.

---

<sup>1</sup> Inkluż il-baġit.

<sup>2</sup> Inkluża l-protezzjoni ċivili.

<sup>3</sup> Inkluż it-turiżmu.

## **L - I S T A M P A**

---

9. Ambjent.
10. Edukazzjoni, żgħażagħ, kultura u sport<sup>1</sup>.

Din id-Deċiżjoni temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (Ġurnal Uffiċjali tal-UE L-325, 11.12.2009.p.35).

---

---

<sup>1</sup> Inklud l-awdjoviżiv.